# Informazzjoni Dwar L-Għażla tas-Suġġetti tal-Vjaġġ Tiegħi

***(Kull taqsima għandu jkollha bejn 50-60 kelma)***

**Għażla tas-Suġġett**: **Edukazzjoni Fiżika**

*Jekk jogħġbok indika r-rotta offruta:*
**Applikata: ____**
**Akkademika**: _ x __
**Vokazzjonali:** ___ _

**Introduzzjoni Ġenerali għas-Suġġett:**
Is-suġġett tal-Edukazzjoni Fiżika SEC jinkorpora fih tliet komponenti ewlenin, jiġifieri l-element prattiku (45%), dak teoretiku (40%) u l-portafoll (15%) li jinkludi tliet kompiti. Peress li dan is-suġġett huwa direttament relatat mad-dinja tal-isport, huwa joffri lill-istudenti ħarsa dettaljata f'diversi dixxiplini minn aspett tekniku kif ukoll għarfien sħiħ tal-ħtiġijiet fiżiċi li hemm bżonn sabiex jitwettqu l-attivitajiet fiżiċi.

**Lista ta' temi studjati:**
a. Atletika, Għawm, Ġinnastika/Danza, Logħob f'Tim
b. Regoli u Tekniki
ċ. Saħħa u Fitness
d. Sistemi tal-Ġisem u Prestazzjoni
e. L-isport fis-Soċjetà

**Attivitajiet involuti fil-klassi:**

Diversi sessjonijiet prattiċi skont id-dixxiplini magħżula kif ukoll sessjonijiet teoretiċi li jittrattaw it-temi rispettivi. F'ħafna okkażjonijiet tiġi stabbilita rabta bejn ix-xogħol imwettaq fis-sessjonijiet prattiċi u dak magħmul fil-klassi.

**Xogħol assenjat għad-dar:**
Tliet proġetti (Intervista, Scouting Report, Analiżi tal-Ħiliet) għandhom jitwettqu fuq tliet snin flimkien ma' numru ta' kompiti mogħtija għad-dar biex jikkonsolidaw l-oqsma teoretiċi koperti. Prattika regolari fl-oqsma prattiċi magħżula hija rakkomandata ħafna.

**Assessjar mogħti:**

Testijiet u eżamijiet regolari, kemm fl-oqsma prattiċi kif ukoll teoretiċi.

**Lista ta' ħiliet miksuba bl-istudju tas-suġġett:**

a. Il-kapaċità li tħejji sew qabel il-prestazzjoni.
b. L-għarfien ta' kif jaħdem il-ġisem waqt l-attività fiżika.
ċ. Il-kisba ta' livell ogħla ta' prestazzjoni.

**Lista tal-ħiliet meħtieġa biex tistudja s-suġġett:**
a. Dispożizzjoni tajba ġenerali lejn l-isport.
b. Standard tajjeb fl-Ingliż.
ċ. Li tkun lest/a li taħdem bis-sħiħ barra mill-ħinijiet tal-iskola fid-dixxiplini prattiċi magħżula.

**Isem tal-Uffiċjal tal-Edukazzjoni: Kevin Azzoaprdi**

**Indirizz elettroniku**: kevin.joseph.azzopardi@ilearn.edu.mt